# IS-SEBH

*Ta'* P. Ugo Mallia, O. Carm.

Ngħarrex mit-twieqi,
inħassar b'idi l-fwawar sħan li għaqdu
u saru qishom nida fuq iż-żgieġ;
kont qed inħares fuq il-firxa wiesgħa,
li tilmaħ minn ġot-twieqi
tas-'Sacred Heart':
w għajnejja ġrew
minn truf Sant'Jermu,
sa truf Ħal Luqa
miġbura lkoll fi sħaba,
ikantaw mas-sebħ
il-'Prima' tagħhom
bil-ħidma li qed tqum

Hawn taħti,
mal-moll tal-'Manoel Island',
l-imrietel għadhom rieqda
fuq il-vapuri ħiemda
tilgħin u niżlin, bla tinduna,
maċ-ċafċifa ħafifa
titliegħeb mal-ġnub tagħhom
u tħanninhom,
u traqqadhom
aktar fil-fond.

Il-knejjes kollha hajja;
fit-twieqi ta' l-Imsida u f'dawk tal-Gżira
id-dawl ilu li xegħel,
u l-qniepen tagħhom
minn kmieni bdew isejħu lill-fidili
għall-wens u l-ġabra m'Alla
li reġa' tana s-sebħ:
kultant il-fewġa friska
imfewwħa bil-fjuri t'April
twassal xi tokk tqil
mill-qniepen kbar
ta' Birkirkara.

F'ġenb il-knisja tal-Furjana
id-dħaħen kbar
tal-'Power Station'
tilgħin jitgerrbu suwed
intajra lejn il-Belt bil-qajla l-qajla,
u l-qawwa tagħhom
twelled ħajja ġdida
fil-fabbriki ta' taħti,
ta' Mamo u ta' Muscat.

Minn fuq Ħal Luqa
ġej il-ħoss qawwi
tal-'Valiant' u l-'Canberra' jistartjaw,
fil-waqt li fl-ajru fuqhom,
jistenna l-ħin li jinżel
ajruplan ieħor
idur idur bil-mod,
jistenna
id-dwal bla hedu jpetptu
jtuh is-sinjal.

Iżda fuq kollox,
donnu fi sħaba għal rasu,
isewwed qalb il-ħmura tax-xemx tielgħa,
ikanta l-'Prima' tiegħu,
noti tqal minuri,
l-artal tat-tbatija —
l-isptar ta' 'St. Luke's'.
Għalih is-sebħ u l-lejla
saru qishom l-istess,
u d-daħna tiegħu bajda
ta' karba għall-ħniena,
ta' talba ħarkiena
lejl u nhar tittajjar
'l fuq bla hedu
mill-maġmar tal-fran tat-tbatija.

U tlaqt minn ħdejn it-twieqi
għax għalkemm għosfor in-nida
minn fuq iż-żġieġ,
xorta waħda
jien ma stajtx inħares
u nagħraf nagħżel dan l-imkien minn dak.